MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 485/2005

**Panta Contracting Limited**

**Vs**

**Panorama Co. Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta Frar 2005, fejn intalab li l-konvenut nomine ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba mija u sitta u erbghin lira tmienja u disghin centezmu (Lm746.98) rapprezentanti valur ta riparazzjonijiet u servizzi ohra ordnati mis-socjeta konvenuta u debitament esekwiti mis-socjeta attrici fuq istruzzjonijiet lilha moghtija kif jirrizulta mill-annessi invoices mmarkati Dok A u Dok B.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 28 ta Mejju 2004 u tal-ittra ufficcjali datata 19 ta Awissu 2004 (Dok C) u bl-imghaxijiet skond il-ligi dekorribbli mid-data tal-precitata ittra ufficcjali Dok C kontra s-socjeta

konvenuta li d-diretturi taghha huma ingunti minn issa biex jidhru ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur noe sabiex il-konvenut noe iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut noe naqas u ma deherx la fis-seduta tad-9 ta Novembru 2005, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nota tas-socjeta attrici datata 9 ta Novembru 2005 fejn giet ceduta l-kawza in kwantu tirrigwarda s-sorte stante pagament fil-mori tal-istess proceduri pero zammet ferm u ippregudikat il-kap ta l-ispejjes u l-interessi legali gia dekorsi fuq is-sorte mid-data tal-precitata ittra ufficcjali sad-data tal-hlas tas-sorte cioe mid-19 ta Awissu 2004 sat-22 ta Gunju 2005 fuq l-ammont ta LM746.98.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta ihallas lis-socjeta attrici l-ispejjes kollha ta dina l-kawza oltre l-imghaxijiet legali dekorsi fuq is-sorte gia mitlub fl-ammont ta Lm746.98 u dana mid-19 ta Awissu 2004 sat-22 ta Gunju 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------